Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 2 – It-Tnejn 8 ta' Lulju fl-4:00pm.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar It-Tnejn 8 ta' Lulju fl-4:00pm.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

2.1 Talba

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**2.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

2.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

**2.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

2.4.1 Is-Sindku għamel referenza għat-talbiet tad-disable parking fi Triq il-Ġnien u Triq Xprunara. Huwa rrimarka li qed isiru bosta talbiet diretti għal disabled parking ma'

Transport Malta u peress li hawn problema kbira ta' nuqqas ta' parking hu jħoss li mhux ġust li japplikaw dirett ma' Transport Malta meta bħala Kunsill rrifjutajna diversi talbiet biex ma noħolqux problemi lill-residenti oħra.

2.4.2 Is-Sindku spjega kif it-tender tal-Pjazza qed jiġi preparat mill-Perit Godwin Sultana peress li għandu ħafna mix-xogħol lest.

2.4.3 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel ukoll referenza għat-talba ta' sinjali sofor li qalgħu problema fi Triq Sant Indrija. Huwa spjega kif min għandu permess ta' garage għandu dritt li jkun jista joħroġ l-vetturi u għalhekk jekk ikun hemm ostaklu jinħtieġ li jitneħħa billi jinżebgħu double yellow lines. Problema oħra simili hija dik fi Triq Għajnsielem quddiem il-blokka Stefni Court. Sar qbil li għandna nibghatu t-talba lil Transport Malta u jiddeċiedu huma dwarha.

2.4.4 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-htiega ta' talba li l-Bus stage li hemm qrib Dimech House fi Triq l-Imgarr titneħħa jew tiġi shifted . Fejn il-bus stop eżistenti hemm biċċa bankina l-barra. Sar qbil li għandna nqabbu perit jiddiżinja pjan forsi tiġi shifted u b'hekk jintebħu żewg parking bays oħra.

2.4.5 Is-Sindku ssuġġerixxa li fi Triq Merkanti, int u ġej mix-Xewkija fil-kantuniera għandhom jinżebgħu double yellow lines minħabba l-periklu li jinħoloq jekk ikun hemm parkeġġ. Sar qbil li għandna nressqu t-talba lil Transport Malta.

2.4.6 Is-Sindku propona li għandu jigi mwaqqaf Social Club tan-Nisa ta' Għajnsielem. Dan isir billi jiġu organizzati laqgħat ta' darba kull ġimghatejn fejn jiltaqgħu u flimkien u jipprattikaw xi hobby. Il-Kunsill faħħar din l-inizjattiva u qabel li għandu jipproċedi dwarha.

2.4.7 Is-Sindku rrefera għal proposta dwar htiega ta' bankina ma' residenza fi triq bejn dejqa bejn Triq Benghazi u Triq il-Gnien. Transport Malta irrimarkaw li t-Triq hija wiesa minn Triq Bengazi 3.75m u min nahha ta' Triq il-Gnien hija ta 4.10m. Il bankina ezisitenti hija ta 0.50m. TM qed tirrakkomanda li t- triq tigi one way mill liema naha li tigi l-ahjar , biex eventwalement nkun nistghu inhallu karregjata ta' 3m u jibqa bankina ta 0.75m. Il-Kunsill ma' qablix li din it-triq għanda issir one way u għalhekk qed jiġi suġġerit li jsiru biss faxxa ta' kurduna minflok bankina.

2.4.7 Is-Sindku rrefera għal proposta li resqitilna l-Għaqda Voice for Inclusion li ser jieħdu kamra mill-Istitut u ser japplikaw għall-fondi tal-unjoni ewropea biex jattrezzawha. Offrewlna l-proposta li nkunu shab biex inkunu ta għajnuna. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 2.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

2.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għat-talba sabiex jiġu estiżi double yellow lines fi Triq Sant'Antnin. Sar qbil li għandna nitolbu spjegazzjoni aktar dettaljata u nibgħatu t-talba anke permezz ta' ritratti lill-Transport Malta.

2.5.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jinżabru s-sigar ħdejn il-bankijiet taħt ta' Lourdes fix-Xatt.

2.5.3 Il-Kunsillier Joe Debono għamel referenza għal fatt li ħafna tfal qed ikunu jilgħabu fejn il-każini u jibża li jwegga xi ħadd. Huwa semma' li kkonsulta ma' Għajnsielem Football Club dwar il-proposta li jibda jinfetaħ il-grawnd tal-football għall-użu tat-tfal kuljum bejn it-8:00pm-10:00pm sabiex it-tfal jinġabru u jilgħabu fih.

2.5.4 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal-fatt li b'effett mill-1 t'Awwissu nibdew nagħlqu it-triq ta' quddiem il-każini kull nhar ta' Sibt u Hadd mis-7pm sa nofsillejl.

2.5.5 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-ilment ta' bosta li hawn xi tfal qed jagħtu fastidju matul il-lejl billi qed iħabbtu l-bibien. Is-Sindku wieġeb li dan l-ilment għaddih lill-Community Police u qed jieħu passi dwaru.

2.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba għamel referenza għall-parkeġġ li qed isir fil-Bus Stop li hemm quddiem ir-Radju Lauretana u qed jipparkjaw fiha b'detriment li x'ħin tieqaf il-Bus qed ikollha tieqaf il'barra u tkun ta' periklu. Sar qbil li għandna nitolbu li tinżebaħ il-Bus Stop u nressqu talba lil Transport Malta dwar il-possibilita' li nikkonvertuha f'żewġ parkeġġi u nressqu l-Bus Stop aktar l'isfel.

2.5.7 Il-kunsillier Larry Buttigieg għamel referenza għaz- zebra crossing li hemm quddiem il-kazini fejn jinħtieġ li terġa tinżebaħ b'żebgħa ta' kwalita' tajba peress li qed jiċċara mall-ewwel. Is-Sindku rrimarka li din ila biss ftit ġimgħat li nżebħet u se terġa issir it-talba iżda il-problema hija il-kwalita tat-tarmak li huwa qadim u l-qatran qed jaħraq iż-żebgħa tat-triq kollha.

2.5.8 Il-kunsillier Joseph Debono ssuġġerixxa li ssir bicca tarmac ħamra ħdejn tan-Nonu biex il-karozzi ma jiskidjawx. Is-Sindku wieġbu li din il-parti x'aktarx li ser tkun koperta fil-proġett tal-bollards u għanda tnaqqas minn din il-problema.

2.5.9 Il-kunsillier Joseph Debono għamel referenza għall-garbage bags li qed ikun hemm fid-daħla tal-ground u qed jgħattu l-lapida. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil min qed ipoħħihom hemm biex jsibilhom lok ieħor.

2.5.10 Il-Kunsillier Joseph Debono rrefera wkoll għal fatt li ngħalaq passaġġ pubbliku fiż-Żewwieqa. Is-Sindku wieġbu li dak il-każ diġa jinsab f'idejn il-pulizija.

2.5.11 Il-kunsillier Joseph Debono għamel referenza għall-attivita li ser issir nhar is 16 t'Awwissu minn Għajnsielem Football Club sabiex il-Kunsill jikkollabora f'din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin billi jtella' parti minn din l-attivita'.

2.5.12 Il-Kunsillier Larry Buttigieg għamel referenza għall-okkazzjoni tal-inawgurazzjoni tal-Wirja tal-Arti fil-lukanda White Knight, f'Għajnsielem. Peress li s-Sindku u l-Viċi Sindku ser ikunu barra minn Malta, sar qbil li għandhom jattendu l-kunsilliera. Is-Sur Buttigieg propona li hekk kif ser tiġi l-ambaxxatriċi tal Awstrija ikun għaqli jekk nitolbuha tagħtina xi kuntatti biex nibdew relazzjoni ta' ħbiberija ma' xi post fl-Awstrija. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**2.6 Korrispondenza**

2.6.1 Ġew preżentati il-kontijiet ta' Mark Attard għax-xogħolijiet tal-Latrina u wkoll dak tad-disinn ta' sħab bl-injam tal-librerija. Il-kontijiet ġew ċertifikati mill-Periti rispettivi. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bil-pagament.

**2.7 Update dwar il-proġetti**

2.7.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update dwar is-sitwazzjoni tal-proġetti kurrenti:-

**2.7.2 Proġett tal-Misraħ fi Pjazza Madonna ta' Loreto**

- Il-Perit qed jlesti l-applikazzjoni sabiex jiġu friżati l-fondi li għandu l-Kunsill mal-Awtorita tal-Ippjanar taħt id-DPF. Bħala Partner magħna sabiex nibbenefikaw minn aktar fondi se tidħol l-Paroċċa t'Għajnsielem sabiex hekk inkunu nistgħu nittepjaw il-fondi massimi u b'hekk nieħdu l-100%.

- Ġie deċiż li sal-laqgħa li jmiss il-Perit tal-proġett ġie mitlub jippreżenta l-ewwel kunċett tad-disnn.

- Il-Perit se jipprovdi wkoll stima tal-dwal tal-Knisja u tat-taraġ u zuntier (parti ta' fuq) sabiex possibilment nġibu fondi għalihom wkoll.

- Bħala 'light design' qed jiġi suġġerit li nqabbdu kumpanija li għanda

esperjenza ta' proġetti ta' Knejjes u pjazzez. Nippruvaw ngħaddu t-talba lill-Ministeru għal Għawdex biex jgħoinu fl-investiment meħtieġ għad-dwal tal-Pjazza..

- Skond l-memorandum tal-ftehim, jekk naqblu mal-pjan, dan ngħadduħ lil Paroċċa u jekk jaqblu wkoll dan jmur għand l-Kumitat tal-Arti Sagra għal approvazzjoni finali. Wara ssir l-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar.

- Żbir tas-siġar fil-Pjazza ser isir il-ġimgħa d-dieħla mill-Ministeru għal Għawdex. Il-permessi meħtieġa mill-ERA inkisbu wkoll. Ser isir medium pruning bħalissa imbagħad fix-xitwa nibdew nagħmlu heavy pruning lil tnejn tnejn minħabba s-shelter tal-għasafar, kollox skond il-pjan kif approvat mill-permess.

- L-Arċipriet qabel li b'mod temporanju għandom jitwaħħal xi bankijiet fil-Pjazza u l-Kunsill jipprovdi l-bins u jbattalhom hu. Il-Kunsill qabel li għandhu jwaħħalhom temporanjament sakemm jingħata bidu għall-proġett. Id-disinn mhux ser jinbidel ħafna minn kif sar għax dan diġa saru diskussjonijiet dwaru.

### 2.7.3 Triq Hamri

- Il-Kunsill għamel talba lil Minsiteru għal Għawdex għal fondi addizjonali għaliex is-servizz tad-drenaġġ kien jinħtieġ li jsir aktar il-fuq miż-żona li oriġinarjment qegħda intiża għall-asfalt u ma jagħmilx sens li minn Triq Ħamri jibqa parti żgħira li tibqa mingħajr tarmac ġdid. Prezentament qeghdin kontinwament nigru wara l-approvazzjoni ta' din it-talba. Jekk ma tiġix aċċettata jkollna naslu safejn hemm pjanat originarjament u jsir patching fuq it-trinek. Sar ukoll qbil li għandna nippressaw lis-CMU biex jagħmlu l-bankini.

### 2.7.4 Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.

- Il-fanali twaħħlu
- Qed jiġi ppjanat sabiex ix-xogħol tal-bollards u pavimentar jibda wara il-Festa.

### 2.7.5 Ġnien quddiem l-iskola Primarja

- Qed nistennew l-kuntrattur jiġi sabiex jibda x-xogħolijiet sabiex jitlestew qabel tiftaħ mill-ġdid l-iskola f'Settembru. Il-fondi huma minn skema ta'

Ambjent Malta.

- Madwar sena ilu kien sar ftehim mal-Ministru għal Għawdex sabiex la se tinqala il-parti ta' quddiem l-iskola, jsir wkoll l-cladding tal-rħam mal-faċċata tal-iskola. Dan ġie ssuġġerit mill-Ministeru stess wara diskussjonijiet li kienu saru mad-Direttur Ġenerali responsabli mix-xogħolijiet ta' l-skejjel. Il-Kunsill ħareġ tender għax-xogħolijiet kollha (ċioe tal-ġnien u tal-cladding tal-faċċata) iżda sfortunatament l-MOU mal-Ministeru baqa ma' ġiex iffirmat. Qegħdin niġru wara il-Ministeru sabiex dan jiġi iffirmat. Jekk dan il-ftehim jibqa ma jiġix onorat ma jkollnix triq oħra għajr li l-cladding tal-faċċata ma jsirx peress li mhemmx fondi allokati għalihom.

### 2.7.6 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra

- Qed nistennew sabiex jsir onsite meeting biex ix-xogħol jibda aktar tard din is-sena. Sadanitant il-Kunsill Lokali kiseb estensjoni (addendum) minn Ambjent Malta sa Ġunju 2025.

### 2.7.7 Proġett Playingfield Amabile Cauchi

- Tender għalaq u fil-ġranet li jmiss se jkun hemm l-evalwazzjoni tal-offerti tiegħu.

### 2.7.8 Bini Arkata

- Eko-Għawdex iffirmaw li jidħlu bħala partners sabiex niksbu 100% tal-fondi neċċessarji mid-DPF minflok 80%.
- Qed nistennew mill-Perit sabiex ffassal dokument tat-tender u l-bqija tad-dokumenti rikjesti mill-Bord tad-DPF tal-Awtorita tal-Ippjanar.

### 2.7.9 Ġnien Briegħen mal-Kunsill tax-Xewkija

- Se jsiru diskussjonijiet mas-Sindku l-ġdid tax-Xewkija sabiex naraw kif se jkun il-pjan ta' ħidma fuq dan il-proġett.

### 2.7.10 Tindif tal-Wied Simirat

- Ix-xogħol ta' tindif beda xi ġimgħat ilu u għandu jitkompla fil-ġranet li jmiss.

### 2.7.11 Latrina Pjazza Madonna ta' Loretu

Bħala short term qabbadna lil kuntrattur tal-knis biex temporanjament jieħu ħsieb il-ftuħ u l-indafa tagħha għall-prezz ta' €500 fix-xahar. Sar qbil li għall-prefeast, nifthu l-latrina billi nġibu security u cleaner, u nagħmluha għat-tfajliet biss. Sar qbil li fil-granet tal-festa jidħol kulħadd b'kontroll bis-security. Sar qbil li għandna noħorġu l-offerta tal-Upkeep tal-Latrina Pjazza Madonna ta' Loretu għall-tlett snin u ninkludu l-klawsola li wara tlett written warnings il-kuntratt jaqa' sabiex nevitaw problemi u lmenti.

## 2.8 Evalwazzjoni tat-Tenders tal-Manutenzjoni tal-Latrina tal-Imġarr u dak tal-Playing Field fi Pjazza tad-Dehra

2.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber spjegat kif għal din l-offerta ntefgħu erba' offerti. Għalhekk jinħtieġ li naħtru Evaluaton board biex it-tender jiġi evalwat. Sar qbil li l-Bord għandu jkun kompost mic-Chairman Andrew Vella Public Works, Perit Godwin Sultana, William Sultana, rappreżentant minn Project Green, u s-Segretarju Eżekuttiv Luciennne Haber.

2.8.2 Saret referenza għall-Offerta tal-latrina tal-Imgarr li ġiet evalwata u l-ebda waħda minnhom ma kwalifikat u għalhekk jinħtieg li toħrog mill-gdid. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 2.9 Applikazzjoni Twinning CERV tal-Unjoni Ewropea

2.9.1 Is-Sindku propona sabiex napplikaw taħt din l-applikazzjoni sabiex isir l-iffirmar tal-Gemellaġġ uffiċjali f'Loreto fis-sena 2025. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 2.10 Attivitajiet Iljieli Sajfin.

2.10.1 Is-Sindku għamel referenza għall-attivitajiet ta' Iljieli Sajfin 2024. Huwa rrimarka li għal dan is-sajf ser ikollna nnaqqsu sostanzjalment mill-attivitajiet peress li din is-sena ma għandniex fondi biżżejjed allokati għalihom. L-unika fondi li ser nieħdu huma dawk ta' €7000 għall-event Echoes by The Sea li ser tittella' s-Sibt 10 ta' Awwissu, €2000 għal Cocomelon night, u għal Ghajnsielemfest għada qed tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Apparti dawn l-attivitajiet sar qbil li għandna ntellgħu żewġ Tomboli b'kollaborazzjoni mal-Għaqdiet tal-Festa.

## 2.11 Tolfarte u 20 sena Ġemellagg ma' Tolfa

2.11.1 Is-Sindku spjega kif iċ-ċelebrazzjonijiet tal-20 sena anniversarju mill-Gemellaġġ bejn Għajnsielem u Tolfa taw il-bidu tagħħom bl-inawgurazzjoni ta' Pjazza Tolfa. Dawn ser ikomplu billi delegazzjoni tal-Kunsill ġiet mistiedna sabiex tippartecipa f'Tolfarte f'Awwissu. Se tiġi preżentata wkoll opra artistika maħduma mill-iskultur Joe Xuereb għal okkażjoni. Il-Kunsill qabel li bħala delegazzjoni għandha tkun komposta mis-Sindku Kevin Cauchi, mill-Viċi Sindku Joseph Debono u mill-Kunsillier Stephen Mercieca.

**2.12 Preżentazzjoni mis-Sindku tar-Responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsillieri**

2.12.1 Fuq qbil mal-Kunsilliera wara konsultazzjoni ndividwali, sar qbil li d-dekasteri għall-10 Leġiżlatura ta' Għajnsielem għandhom ikun mqassmin kif ġej:-

**2.12.2Sindku - Kevin Cauchi**

- Koordinazzjoni tar-riżorsi umani tal-Kunsill, Proġetti u Tisbiħ, L-Infrastruttura, L-Edukazzjoni, Ħarsien tal-Annimali, Attivitajiet ,Fondi, Programmi u Proġetti EU, Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika, Wirt Storiku u Monumenti.

**2.12.3Viċi Sindku- Joseph Debono**

Il-Kultura, L-Innovazzjoni, L-Ambjent, Iż-Żgħażagħ u Tfal, L-Għaqdiet (flimkien ma' Larry Buttigieg), L-Emigranti, Żvilupp tal-lokalità bħala destinazzjoni turistika

**2.12.4Larry Buttigieg**

- *Sports u Attivitajiet Fiżiċi, "Attivitajiet (flimkien mas-Sindku) , L-Għaqdiet (flimkien mal-Viċi Sindku), Agrikultura, Sajd u Żoni Rurarli (Programmi E.U.), Ġemellaġġi u Relazzjonijiet ma' Pajjiżi Barranin, Koordinatur tal-Festa u Bajjiet Pubbliċi

2.12.5 **Stephen Mercieca**

- *L-Indafa Pubblika, Is-Saħħa u Berġa, Toroq Residenzjali u Arterjali, Soft Areas, Transport u Immaniġġjar tat-traffiku, Harġiet, u GhajnsielemFest

**2.12.6Teddy Saliba**

- *Komunitajiet, Il-Qasam Socjali, L-Anzjani, L-Integrazzjoni Soċjali, Koordinatur Servizz tal-Minibus, Persuni bi Bżonnijiet Speċjali u Sostenn tal-Volontarjat

*Responsabilta mogħtija skond obbligu bil-Liġi

**2.13 Pjan ta' ħidma 2024-2029**

2.13.1 Ġie diskuss il-Pjan ta' Hidma għal din il-leġiżlatura. Il-Kunsill qabel li l-Pjan għandu jkun imqassam kif ġej:-

**2.13.2PROĠETTI KAPITALI**

- Pjazza Madonna ta' Loreto

- Tisbiħ madwar Kappella ta' Lourdes
- Playingfield Amabile Cauchi
- Water-Catchment Pjazza tad-Dehra u taraġ fuq l-Għajn
- Tisbiħ Quddiem l-Iskola Primarja
- Tlestija Triq Ħamri
- Proġett ta' Bollards quddiem Kazini
- Ġnien ta' quddiem Kunsill u restawr Monument Vittimi Gwerra

**2.13.3PROĠETTI 'LONG-TERM'**

- Masġar taħt Chambray
- Pocket Gardens 'Ta Bordin' u wkoll inkomplu l-parti l-oħra bil-concrete.
- Bdil tal-Pjan Lokali 'Ta' Passi' u Parkeġġ taħt l-Art
- Pavimentar quddiem każini

**2.13.4ĠEMELAĠĠ**

- Jiġi ffirmat formalment il-ġemelaġġ bejn Loreto u Għajnsielem
- Inkomplu insaħħu r-relazjzoni bejn Għajnsielem u Tolfa

**2.13.5FONDI E.U.**

- AMPPA Plus (2) (Interreg)
- Corallo Community (Interreg)
- Network of Towns Project
- Transational Roadmap Towards Digital Twin Ctities (Interreg)
- Leader (GAGF)
- European Regional Development Fund (ERDF)
- CERV - Loreto - Għajnsielem

**2.13.6TOROQ - PRIJORTA**

- Parti minn Triq Ġużeppi Cauchi
- Parti minn Triq Baħħara
- Parti minn Triq Balzunetta (tarmac jew cement)
- Parti minn Triq Wied Martin
- Parti minn Ta' Bordin bic-cement

**2.13.6OHRAJN**

- Tisbiħ ta' Sqaq Nru 1, Triq Ħamri / Triq Sant Antnin li jaghti ghat-tarag ta' Bejlikk.
- Tisbiħ Daħla Ground Football
- Aktar platforms għal aċċessbilita aħjar fix-Xatt l-Aħmar anke fejn tal-Inglizi
- Jitneħħa l-plastik l-aħdar Triq Sant Eliju / Triq Xatt l-Aħmar

- Tisbiħ ta' parti minn Triq ta' Cordina
- Nżidu Bus Shelters fejn Possibli (Pjazza)
- Nżidu bus stop Pjazza Indipendenza jew Triq Simirat
- Pressjoni biex tinfetah mill-ġdid il-Berġa
- Bini ħitan tas-Sejjieħ Triq Bordin (jekk jkun hemm fondi tal-E.U.)
- Restawr tal-pumping station l-antika fil-Wied l-Imġarr
- Tisbiħ tal-passaġġ tal-Wied tal-Imġarr mill-Grand Hotel saż-Żewwieqa
- Restawr ta' aktar niċċeċ
- Tisbiħ tat-taraġ Triq Ħamri għal Triq Gudja
- Tisbih tad-dahla tal-Grawnd

**2.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

Ġiet preżentata l-iskeda numru 133 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

**2.15 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-6:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 8 t'Awwissu 2024 fit-3:00pm.

*Kevin Cauchi*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Eżekuttiv*